**Laqgħa Numru 14**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**30 ta' Ġunju 2020**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fil-5.13 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Hubert Saliba | - Sindku |
| Paul Azzopardi | - Viċi Sindku |
| Jeanelle Attard | - Kunsilliera |
| Domenic Zerafa | - Kunsillier |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

Johnny Vella - Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard

## 14.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

14.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

## 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

14.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 13 li saret nhar it-Tlieta 26 ta' Mejju 2020 ġew approvati mill-membri tal-Kunsill preżenti u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

14.3.1 **Triq Santa Elizabetta** Is-Sindku rrefferra għal-laqgħa li saret fuq ix-xogħol fuq din it-triq fejn kien hemm preżenti l-kuntrattur, l-Inġiniera tal-WSC, s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv fejn wara li marru fuq il-post ġie deċiż li kellhu jsr isir mejn wieħed għax hemm wisq servizi għaddejjin biex isiru żewġ mejns kif kien oriġinarjament propost mill-WSC. Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill preżenti li wara t-talba li għamel hu stess mal-Ministeru t'Għawdex ser isiru ukoll il-bankijiet f'din it-triq li se jkunu ffinanzjati min-naħa tal-istess Ministeru. Is-Sindku rreferra għall-kwistjoni li nqalgħet wara li l-kuntrattur kien qed jesiġi li r-rata tad-*dumping* titla' għall-€12.00 il-tunellata kif kien ġie deċiż fuq kuntratti tal-Infrastructure Malta. Is-Segretarju spjegat li kienet iċċekjat mad-Dipartiment tal-Kuntratti li minn barra li jrid jiġi onorat il-kuntratt min-naħa tal-Kuntrattur fil-każ t'Għawdex għad m'hawnx Infrastructure Malta u għaldaqstant dan mhux aċċettabli.

14.3.2 **Playingfield Ħarmija** Is-Sindku rreferra li kien ikkommunika mal-Perit inkarigat jekk is-siġar f'dan il-ġnien riedux jitmexxew jew le fejn dan ikkonferma li trid isir applikazzjoni mal-ERA. Is-Sindku kien iddiskutta mal-laborista fejn kien spjegalu li dawn is-siġar ma jistgħux jitħarrku qabel Ottubru. Il-Viċi Sindku reġa' tenna li l-fatt li dan il-proġett kien għadu ma bediex kien inaċċettabli. Is-Sindku spjega li rrid jiġi ffirmat l-*agreement* tad-DPF biex il-proġett ikun jista' jibda. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet jekk kienx ġie kkonfermat mal-Perit li l-*equipment* jinkludi dak li kien diskuss fil-laqgħa lejn l-aħħar tas-sena. Is-Segretarju kkonfermat dan.

14.3.3 **Playingfield tal-Barmil** Is-Sindku ppreżenta *draft* tal-pjanta tal-Eco Park tal-Playingfield tal-Barmil kif mibgħutha mill-Inġinier inkarigat fi ħdan il-Ministeru tal-Enerġija. Is-Sindku elenka li jinsab sodisfatt ħafna bid-disinn mibgħut mill-Inġiniera. Dan id-*draft* intgħoġob ħafna ukoll mill-membri tal-Kunsill preżenti.

14.3.4 **Interactive Board** Is-Sindku spjega li kienu qed jinġabru l-kwotazzjoni għall-interactive board hekk kif kien hemm *supplier* li saħansitra ssuġġerriexxa li jsir AC wara dan l-interactive board.

14.3.5 **Pjazza** Is-Sindku spjega li hemm bżonn li ssir xi manitenzjoni fuq xi porfido u kurduni li nqalgħu pero' l-kuntrattur responsabli kien wiegħed li din it-tiswija tista' ssir min-naħa tiegħu fi ftit xhur oħra.

14.3.6 **Tindif tat-toroq.** Is-Sindku stqarr li mhux kuntent biż-żamma tat-toroq wara li riċentament dan kien qed isir mill-ħaddiema allokati mal-Kunsill. Domenic rreferra għall-ħaxix fi Triq Santa Marija, Triq San Zakkarija. Jeanelle rrefferriet għall-Triq L-Indipendenza li tinsab inkallata. Is-Sindku rreferra għal-problema bil-leaflets.

14.3.7 **Gaudos Half Marathon** Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill preżenti li wara li kienu kellmuh l-orgnizzaturi ta' din il-maratona kien hemm il-ħsieb li din il-maratona ssir il-Ħadd 20 ta' Settemrbu 2020 dejjem jekk il-pandemija tal-Covid-19 tibqa' kkontrollota. Is-Sindku spjega li l-organizzaturi kienu se jorganizzaw biss it-10Km.

14.3.8 **Fior D'Argenta u Summer in the Square** Is-Sindku spjega li la l-miżuri tal-Covid-19 kienu tneħħew kollha kien tal-fehma li l-Fior d'Argenta kellhu jsir fuq ġurnata nhar it-28 t'Awwissu 2020 hekk kif min-naħa tal-Paroċċa kienet ser isir il-purċissjoni nhar id-29 t'Awwissu 2020, il-festa tal-Martirju ta' San Ġwann. Il-membri tal-Kunsill qablu li kellha ssir is-serata tal-għana, isir it-torta ta' San Ġwann u l-ħuġġieġa bħas-snin preċedenti. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni li fuq il-poster maħruġ mill-Ministeru t'Għawdex kellhu jkun hemm il-logo tal-Kunsill għax hemm spejjeż li jitħallsu mill-Kunsill.

14.3.9 **Buffer zone fi Triq Jean De La Valette** Is-Sindku spjega li kellhu laqgħa mal-MIP fejn ġiet diskussa l-art mitluqa f'din it-triq. Is-Sindku rrimarka li f'din il-laqgħa ġie diskuss li l-parti ta' barra ta' din l-art kellhu jibda l-proċess biex tiġi *devoluted* lill-Kunsill u tiġi żviluppatha flimkien mal-MIP f'post rikreattiv.

14.3.10 **Triq tal-Ħorob** Is-Sindku għarraf li kellhu laqgħa nformali mal-pulizija fuq l-iskart ta' karozzi mormija fl-inħawi tal-Ħorob, Triq Il-Madonna tal-Karmnu u Triq Bir Il-Franiżi. F'din il-laqgħa l-pulizija spjegaw li kienu ħarġu ċitazzjoni li din il-persuna li kienet qed tħammeġ bil-karozzi mitluqa fejn kien mitlub inaddaf minnufhih. Is-Sindku kkomunika li sfortuanatament dan kien qed iferrex dawn il-karozzi mar-raħal kollhu.

14.3.11 **Knis u Żamma tat-Toroq** Is-Sindku spjega li sfortunatment ma kienx kuntent biż-żamma tat-toroq fejn min-naħa tal-Community Workers hu biss ħaddiem wieħed li qed jaqta' l-ħaxix u l-ħin allokat għat-tindif ta' toroq u qtugħ ta' ħaxix hu minimu bl-ilmenti kontinwament deħlin il-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew fit-tul u finalment ġie deċiż li kellhom jibdew il-preparamenti biex toħroġ sejħa tal-offerti għat-toroq urbani jkun jinkludi anke t-tindif fi żmien il-festa u anke wara attivitajiet imtella'. It-toroq rurali kellhom jitnaddfu mill-Community Workers.

14.3.12 **Masġar ta' Blankas** Is-Sindku rreferra għax-xogħol tal-ħitan tas-sejjieħ li mixi ġmielu f'dan il-ġnien. Is-Sindku spjega li kellhu jgħaddi *wire* biex issir il-*camera* mal-kamra minn taħt il-ħitan tas-sejjieħ. Il-Kunsill iddiskutta li l-post qed isir frekwentat ħafna min-nies anke mhux residenti. Il-Kunsillera Jeanelle Attard staqsiet jekk il-latrina ta' Blanka kinitx qed tinfetaħ. Is-Sindku wieġeb li din kienet qed tinfetaħ fi tmiem il-ġimgħa imma hu jixtieq li eventwalment tibda tinfetaħ kuljum. Il-Viċi Sindku ssuġġerriexxa li jsiru bollards biex ma jidħlux aktar b'inġenji kbar bil-konsegwenza li qed iwaqqgħu l-ħitan tas-sejjieħ. Is-Sindku ppropona li minflok bollards isiru pilastri bil-kapitelli. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

14.3.13 **Triq Tal-Lewż u Triq Tas-Salvatur** Is-Sindku spjega li kienu ġew approvati min-naħa tal-Ministeru dawn iż-żewġ toroq rurali biex isiru minħabba l-istat ħażin tagħhom.

## 14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

14.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni li Triq Sansun mhux qed jinġabar iż-żibel. Is-Segretarju ħadet nota biex tikkuntajna lill-kuntrattur taż-żibel.

14.4.2 Il-Kunsillier Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni fuq bankina fi Triq L-Għarus u fuq Triq Sant'Elija peress li għandhom bżonn manitenzjoni. Dawn kienu ilu li ġibed l-attenzjoni fuqhom.

14.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet li x-xogħol li qed isir mill-Kunsill għandu jitla' b'ritratti fuq Facebook fosthom ritratti tal-*picnic tables* u bankijiet f'Masġar Blankas. Is-Sindku rrimarka li jixtieq li joħroġ magażin mill-Kunsill.

14.4.4 Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab biex jinxtraw plattini għal-qsari ta' fuq il-Ġibjun fi Triq Il-Kbira.

14.4.5 Il-Viċi Sindku issuġġerriexxa li għandu jsiru patching eżempju metru b'metru f'toroq li kienu ġew asfaltati fil-passat u b'hekk dawn it-toroq jinżaammu f'kundizzjoni tajba. Fost it-toroq imsemmija li għandhom bżonn ta' dan it-tip ta' *patching* issemmew Triq Majmuna, Triq Ta' Ġokk, Triq San Ġwann Battista, Triq L-Indiependenza u Triq L-Arċipriet Ciantar. Il-membri tal-Kunsill preżenti qablu li l-Kunsill għandu jmexxi biex tinħareġ sejħa għall-offerti minnufih.

14.4.6 Il-Kunsilliera Domenic Zerafa talab biex is-*central strip* fejn Ġnien Il-Ħaddiem isir round-about peress li hi perikoluża ħafna. Il-Kunsill iddiskutta li kommunikazzjoni fuq din is-*central strip* ilha li bdiet mill-aħħar tal-2018 u kienet ukoll intbagħtet pjanta mill-Perit kif kien ipproponut li ssir fl-2019. Is-Sindku ddiskutta li kien mar fuq il-post mal-Uffċjali ta' Transport Malta wara li kienet ġiet assessjata l-pjanta minn TM kif din ir-*roundabout* għandha ssir.

14.4.7 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet biex tkun infurmata meta d-disinjatur imur il-Kunsill il-qadim fuq il-proġett tal-*Learning Hub.*

14.4.8 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni li qed jitħalla ħafna madum barra fi Triq Jean De La Valette minn sid li jokkupa spazju fl-*Industrial Estate.* Is-Segretarju ħadet nota biex jintbagħat imejl lill-MIP fuq dan il-każ.

14.4.9 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet lill-Kunsill biex tintuża l-kamra fil-librerija minn *Occupational Therapist* li ġenituri anke mir-raħal tax-Xewkija kienu qed jittelgħu Malta għal sessjonijiet magħha. Il-membri tal-Kunsill preżenti unanimament qablu li għandha tintuża l-kamra li qabel kienet qed tintuża għas-sessjonijiet tal-qari.

## 14.5 Ħatra tal-Bord tal-Evalwazzjoni: Tender Triq Il-Kbira

14.5.1 B'referenza għall-offerti mitfugħa għat-tender tar-resurfacing ta' Triq Il-Kbira, il-membri tal-Kunsill preżenti qablu li jinħatru fuq il-Bord tal-Evalwazzjoni l-Perit Shawn Micallef, l-avukat Dr Kevin Mompaloa u l-*accountant* Darren Mercieca biex ikunu jistgħu jevalwaw l-offerti mitfugħa.

**14.6 Triq Ġidi**

14.6.1 Is-Sindku staqsa lil Viċi Sindku fuq x'tip ta' xogħlijiet kienu saru fi Triq Il-Ġidi fil-passat. Il-Viċi Sindku spjega li hemm il-culvert mgħoddi pero' mhux ikkomunikat ma' Triq L-Imġarr peress li t-Triq L-Imġarr kienet għadha m'għaddietx il-garanzija fuqha meta sar dan ix-xogħol. Il-Viċi Sindku insista li dan ix-xogħol fuq Triq Il-Ġidi sar mill-Ministeru u l-Kunsill m'għandux jaqsam ma' din l-ispiża. Il-Viċi Sindku spjega li l-parti li kellhu jħallas il-Kunsill kienet fuq Triq San Bert u ġiet imħallsa kollha. Is-Segraterju rrimarkat li la m'hemmx l-ebda *work commemcement order* mill-Kunsill il-Kunsill m'għandux x'jaqsam ma' dan ix-xogħol.

**14.7 Sejħa għal-librar u sejħa taħt l-iskema tal-Community Inclusivity Scheme**

14.7.1 Is-Sindku rreferra għat-talba li saret mil-librara biex toħroġ sejħa għal-librara. Il-Kunsill iddiskutta li kellha toħroġ is-sejħa għal-librara *part-time*. Is-Segretarju spjegat li kienet se tikkomunika mal-*HR* fi ħdan id-dipartiment biex jiggwidawha fil-proċess biex toħroġ din is-sejħa.

14.7.2 Is-Sindku spjega li kien iċċekja mad-Dipartiment rigward il-possibilita' li terġa' toħroġ l-iskema fejn kienu kkonfermaw li din tista' ssir. Is-Sindku spjega li jħoss li li aktar għandna bżonn ħaddiem fuq barra milli fl-Uffiċju. Il-membri tal-Kunsill iddiskuttew u qablu li għandna mmexxu b'sejħa għall-ħaddiem tal-*maintenance* taħt din l-iskema.

**14.8 Skart Riċiklabbli**

14.8.1 Is-Sindku spjega dak li kien diskuss fil-Laqgħa tar-Reġjun fejn ir-Reġjun offra lill-Kunsilli Għawdxin biex jaraw jekk jixtiqux jgħaddu r-responsabilita' tal-ġbir tal-iskart riċiklabli lir-Reġjun. Il-membri tal-Kunsill preżenti ddiskuttew u qablu li din ir-responsabilita' għandha tibqa' f'idejn il-Kunsill.

**14.9 Servizz tal-Perit tal-Kunsill;**

14.9.1 Is-Sindki rreferra għas-servizz tal-Perit tal-Kunsill fejn stqarr li ma kienx kuntent bis-servizz provdut. Hu spjega li d-*draft* li ppreżenta għall-Eco Park kienet lil hinn minn dak li kien mitlub mill-Ministeru tal-Enerġija. Is-Sindku spjega li għaldaqstant kellhu jipprepara żewġ pjanti oħra għall-Eco Park wara li saru żewġ laqgħat mal-Inġiniera, Direttur u l-PS tal-Ministeru tal-Enerġija imma dawn xorta ma kinux kuntenti b'dawn il-pjanti u eleminaw il-pjanti.

14.9.2 Is-Sindku ressaq mozzjoni sekondata mill-Viċi Sindku li għandu jitwaqqaf il-kuntratt għax is-servizz ma kienx dak mitlub. Il-Kunsill iddiskutta li għandu jitwaqqaf dan il-

kuntratt jekk is-servizz mhux jilħaq il-livell mixtieq imma qabel isir dan għandna niċċekjaw jekk legalement hux fattibli jew le biex b'hekk naċċertaw li ma jkunx hemm ksur ta' liġi.

**14.10 Korrispondenza u Ilmenti;**

14.10.1 27/05/2020 Korrispondenza mingħand il-Kumitat tan-nar fejn talbu għall-għajnuna għall-insurance għan-nar tal-ajru fl-okkażżjoni tal-festa ta' San Gwann Battista. Il-Kunsill iddiskutta li talbiet ta' din ix-xorta għandhom jinkludu dettalji ta' x'tip ta' kolloborazzjoni qed jitolbu u l-ispiża nvoluta.

14.10.2 29/05/2020 Korrispondenza mingħand is-Segreterja Ezekuttiv lis-Supretendent dwar tal-Horob biex isir xi ħaga dwar l-imbarazz li qed ikun hemm u anke ghax qed ikun hemm min jaħsel ir-Ready Mix hemm ukoll.

14.10.3 02/06/2020 Korrispondenza mingħand is-Sur Anthony Grech Stedina lis-Sindku u membri tal-Kunsill ghall-Inawgurazzjoni tal-ktieb l-Istorja ta' San Gwann.

14.10.4 02/06/2020 Cir AKL 2020/060 Dokument proġġett mal-Kunsill Regjonali u Kunsilli Lokali rispettivi.

14.10.5 03/06/2020 Korrispondenza dwar is-Suq tal-Monti minghand is-Segretarja Ezekuttiv lis-Sindku u Kunsilliera.

14.10.6 03/06/2020 Risposta mingħand il-Vici Sindku dwar is-Suq tal-Monti lis-Segretarju Ezekuttiv fejn talab li jittieġed parir mid-Dipartiment tas-Saħħa.

14.10.7 03/06/2020 Risposta mingħand is-Segretarju Ezekuttiv fejn infurmat lis-Sindku u Kunsilliera li l-monti jista' jintrema.

14.10.8 03/06/2020 Korrispondenza lis-Sindku u Kunsilliera ghall-ħatra ta' bord ghall-evalwazzjoni fil-laqgha li jmiss minghand is-Segretarja Ezekuttiva.

14.10.9 03/06/2020 Cir AKL 2020/063 Ġbir ta' Skart Riċiklabbli mill-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali.

14.10.10 3/06/2020 Cir AKL 2020/063 Ġbir ta' Skart Riċiklabbli dwar il-kumpanija Green Pak

14.10.11 03/06/2020 Korrispondenza minghand is-Sur Charles Bezzina biex jara jekk iridux koppji tal-ktieb li hareg fuq il-Gwerra f'Ghawdex 1940-1943 din indirizza lis-Sindku u Kunsilliera. Il-Kunsill qabel li għandhom jinxtraw żewġ kopji għal-librerija.

14.10.12 03/06/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarja Ezeluttiva lis-Sindku u Kunsilliera fejn staqsiethom jaqblux li jinxtraw bins ghal Ta' Blankas.

14.10.13 03/06/2020 Il-Vici Sindku qabel li jinxtraw bins ghal Ta' Blankas baghat risposta ghall-korrispondenza li baghatet is-Segretarja Ezekuttiva.

14.10.14 04/06/2020 Korrispondenza minghand il-Kumitat Zghazagh Brijuzi Xewkin dwar restawr tal-Istatwa ta' San Gwann mibghuta lis-Sindku u Kunsilliera.

14.10.15 04/06/2020 Is-Sindku irrisponda biex nitolbu lid-Dipartiment tar-restawr.

14.10.16 04/06/2020 Cirk AKL 2020/065 dwar Progett Wifi 4EU lill-Kunsilli Lokali mill-President tal-Azzoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

14.10.17 12/06/2020 Korrispondenza mingand is-Segretarja Ezekuttiva lis-Sindku u Kunsilliera biex jghaddulha rapport tad-Dekasteri taghhom.

14.10.18 16/06/2020 Korrispondenza lis-Segretarja Ezekuttiva minghand id-Deputy Librarian dwar ftuh tal-Librerija fis-16 ta' Gunju, 2020.

14.10.19 16/06/20 Korrispondenza lis-Sindku u Kunsilliera minghand Dorianne Diacono fuq Safety measures.

14.10.20 16/06/2020 Minuti tar-Regjun tal-Assoccjazzjoni Kunsilli Lokali mibghuta mis-Segretarja tal-Assoccjazzjoni Kunsilli Lokali.

14.10.21 16/06/2020 Stedina lis-Sindku ghall-Forum mill-'Organisations Persons with Disability' mibghuta mill-President MFOPD.

14.10.22 17/06/2020 Malta Foundation for Wellbeing of Society ser taghmel 'Webiner dwar l-effetti tal-Covid-19 bil-partecipazzjoni tat-tfal.

14.10.23 17/06/2020 Korrispondenza lis-Sindku minghand is-Segretarju tar-Regjun ta' Ghawdex baghatilhom dokument li tqassam waqt il-laqgha tas-Sibt 13 ta' Gunju, 2020.

14.10.24 17/06/2020 Ic-Chief Executive Officer tal-Haddiema tal-'Community Workers Scheme' baghat korrispondenza fejn talab li nibaghtulu Work Plan tal-Haddiema minn gimgha qabel.

14.10.25 18/06/2020 Cir AKL 2020/071 Mibghuta mill-President tal-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali ghal BBQ li ser issir 24 ta' Lulju, 2020.

14.10.26 18/06/2020 Cir AKL 2020/073 fuq Ismijiet tat-Toroq li ghadhom ma' twahlux mibghuta lis-Sindku u Kunsilliera u Segretarja Ezekuttiva mill-President tal-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali.

14.10.27 Risposta minghand is-Segretarja Ezekuttiva lil Kunsilliera Jeanelle Attard is-Segretarja Ezekuttiva talbet parir jekk tistax tigi diskussa waqt l-laqgha l-gbir ta' Skart dan jista jsir. Pero *ahna diga qeghdin mal-Green Pac allura ma ghandha l-ebda problema.*

14.10.28 Korrispondenza minghand il-Madam tal-Primary College School Xewkija fejn talbet ghall-ghajnuna minghand il-Kunsill ghall-ispejjez tal-Magazine tal-Iskola.

14.10.29 Korrrispondenza minghand is-Segretarja Ezekuittiva fejn infurmat li ghandha haddiem gdid mal-Community Workers.

14.10.30 Stedina minghand l-Arcipriet tax-Xewkija ghall-Pontifikat ta' ghada l-Erbgha 24 ta' Gunju, 2020 fis-6.30p.m. ghall-Pontifikat.

14.10.31 Agenda Nru 14 mibghuta lis-Sindku u Kunsilliera minghand is-Segretarja Ezekuttiva.

14.10.32 Korrispondenza minghand Margaret Zammit fuq il-ftuħ tal-librerija flimkien ma' linji gwida kif ghandhom jimxu il-Librara.

14.10.33 Korrispondenza minghand is-Segretarja Ezekuttiva fuq gbir ta' ħġieħ li ser jibda jsir fl-ewwel Ġimgħa ta' kull xahar flok il-Hamis.

14.10.34 Minuti 13 ntbaghtu mis-Segretarja Ezekuttiva lis-Sindku u Kunsilliera.

14.10.35 Sar ilment li l-bozza li saret fi Triq Ċappelli għandha vultaġġ baxx hafna. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan biex tieħu ħsieb il-kuntrattur

14.10.36 Sar ilment biex isir ftit *patching* quddiem tal-Malla Flts, Triq Chev LZ Haber.

14.10.37 Ilment fuq trakkijiet li qed jgħaddu minn Triq Il-Ħamrija u Triq Il-Mitħna. Il-Kunsill iddiskutta n-nuqqa ta' infurzar min-naħa tal-pulizija, gwardjani lokali u uffiċjali ta' TM.

14.10.38 Ilment biex tinkines u jinqata' l-ħaxix fi Triq San Zakkarija.

14.10.39 Iment biex isir *patching* fi Triq Bir Il-Franċiżi. Is-Sindku spjega li meta tinqala' Triq Sant' Eliżabetta kellha timtela bit-torba din it-triq.

14.10.40 Talba biex titwaħħal tabella tal-ħmieġ għal Trejqet L-Għammiedi.

14.10.41 Talba biex isir Double Yellow Lines fi Triq Santa Marija u fi Triq Ċanga. Dawn ġew approvati mill-Kunsill.

14.10.42 Talba minn TM biex titwaħħal mera fi Triq tal-Gruwa u anke *sleeping police* tal-Gruwa fejn tal-JCR. Is-Sindku ppropona li ssir laqgħa ma' TM wara diversi lmenti ta' residenti minħabba s-sewqan eċċessiv.

14.10.43 Talba biex isiru Double Yellow Lines fi Triq ta' Ħraba

14.10.44 Talba biex isir Slow sign mal-art fi Triq L-Imġarr. Il-Kunsill iddiskutta li din hi tli taqa' taħt ir-responsabilta' tal-Gvern Ċentrali.

14.10.45 Talba għal żieda fil-*Wattage* fil-bozza ġodda fi Triq Il-Ħamrija. Is-Segretarju kellha tkellem lill-kuntrattur biex dawn jiżdiedu.

**14.11 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

14.11.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**14.12 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

13.9.1 Il-laqgħa ntemmet. Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 28 ta' Lulju 2020 fl-4.30pm.

Konfermati, illum **28 ta' Lulju 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ______________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |